SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

23 ta' Novembru 2010 *

Fil-Kawża C-145/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa minn Verwaltungsgerich'tshof Baden-Württemberg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' April 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-24 ta' April 2009, fil-proċedura

Land Baden-Württemberg

vs

Panagiotis Tsakouridis,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues (relatur), K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, D. Šváby, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, J. Malenovský, U. Lõhmus, E. Levits, A. Ó Caoimh, L. Bay Larsen, u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' April 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal-Land Baden-Württemberg, minn M. Schenk, bħala aġent,

— għal M. Tsakouridis, minn K. Frank, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, J. Möller u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck, bħala aġent,

— għall-Gvern Daniż, minn B. Weis Fogh, bħala aġent,

— għall-Gvern Estonjan, minn L. Uibo, bħala aġent,

— għall-Gvern Ungeriż, minn R. Somssich, M. Fehér u K. Veres, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Dowgielewicz, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Seeboruth u I. Rao, bħala aġenti, assistiti minn K. Beal, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Maidani u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari hija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(4) u l-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Land Baden-Württemberg u P. Tsakouridis, ta' nazzjonalità Griega, dwar id-deċiżjoni tal-Land li tikkonstata t-telf tad-dritt ta' dħul u ta' residenza ta' P. Tsakouridis fuq it-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u theddida ta' tkeċċija fil-konfronti tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2004/38

3 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2004/38 tipprovdi:

"Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun l-istatus fondamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri meta huma jeżerċitaw d-dritt tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza. Hu għalhekk neċessarju li jiġu kkodifikati u riveduti l-istrumenti komunitarji eżistenti li jittrattaw separament lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll lill-istudenti u lill-persuni oħrajn mhux attivi sabiex jissimplifikaw u jsaħħu d-dritt ta' moviment liberu u residenza taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni."

4 Skont il-premessa 22 ta' din id-direttiva:

"It-Trattat jikkonsenta restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u residenza għal raġunijiet ta' politika pubblika, ta' sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Sabiex tiġi żgurata definizzjoni rigoruża taċ-ċirkostanzi u tal-garanziji proċedurali li minħabba fihom ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ma jitħallewx jidħlu jew jistgħu jitkeċċew, din id-Direttiva għandha tibdel id-Direttiva tal-Kunsill 64/221/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar il-kordinazzjoni tal-miżuri speċjali dwar il-moviment u r-residenza ta' ċittadini barranin, li huma ġustifikati minn raġunijiet ta' politika pubblika, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika [(ĠU Edizzjoni Speċjali

bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 11) hekk kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill, 75/35/KEE, tas-17 ta' Diċembru 1974, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 174)."

5 Skont it-termini tal-premessi 23 u 24 tad-Direttiva 2004/38:

"(23) It-tkeċċija taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-familji tagħhom minħabba raġunijiet ta' politika pubblika [ordni pubbliku] jew ta' sigurtà pubblika hi miżura li tista' tweġġa' serjament persuni li, wara li utilizzaw id-drittijiet u l-libertajiet konferiti lilhom mit-Trattat [KE], ġenwinament integraw rwieħhom fl-Istat Membru ospitanti. L-iskop ta' dawn il-miżuri għandu għalhekk ikun limitat skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, waqt li jkun ikkunsidrat il-grad ta' integrazzjoni tal-persuni kkonċernati, it-tul tar-residenza tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, l-età tagħhom, il-kondizzjonijiet ta' saħħa, tas-sitwazzjoni familjari u ekonomika u r-rabtiet mal-pajjiż ta' oriġini

(24) Għalhekk, aktar ma tkun kbira l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, aktar għandha tkun kbira l-protezzjoni kontra tkeċċija. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, fejn hemm raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika, għandha tittieħed miżura ta' tkeċċija kontra ċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għexu għal diversi snin fit-territorju ta' l-Istat Membru, b'mod partikolari meta jkunu twieldu u għexu hemm matul il-ħajja kollha tagħhom. B'addizzjoni, dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali għandhom japplikaw ukoll għal miżura ta' tkeċċija meħuda kontra minorenni, sabiex jiġu protetti r-rabtiet tagħhom mal-familja, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, ta' l-20 ta' Novembru 1989."

6 L-Artikolu 16 tad-Direttiva jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadin ta' l-Unjoni li għex legalment għal perjodu kontinwu ta' ħames snin fl-Istat Membru ospitanti għandu d-dritt ta' residenza permanenti hemmhekk. Dan id-dritt m'għandux ikun suġġett għall-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III.

[…]

3. Il-kontinwità tar-residenza m'għandhiex tintlaqat minn assenzi temporanji li ma jaqbżux is-sitt xhur f'sena, jew minn assenzi ta' dewma itwal għal servizz militari obbligatorju, jew minn assenza waħda ta' massimu ta' 12-il xahar konsekuttivi għal raġunijiet importanti bħal tqala u maternità, mard serju, studju jew taħriġ professjonali, jew kariga fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz.

4. Meta jinkiseb, id-dritt ta' residenza permanenti għandu jintilef biss permezz ta' assenza mill-Istat Membru ospitanti għal perjodu ta' sentejn konsekuttivi."

7 L-Artikolu 27(1) u (2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' moviment u residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri

tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Dawn ir-raġunijiet m'għandhomx jiġu nvokati għal skopijiet ekonomiċi.

2. Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.

Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati."

8 Skont l-Artikolu 28 tal-istess direttiva:

"1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija minħabba politika pubblika jew sigurtà pubblika, l-Istat Membru ospitanti għandu jqis l-konsiderazzjonijiet bħat-tul tar-residenza ta' l-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu, l-età, l-istat ta' saħħa, is-sitwazzjoni familjari u dik ekonomika, integrazzjoni soċjali u kulturali fl-Istat Membru ospitanti u l-limitu tar-rabtiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.

2. L-Istat Membru ospitanti ma jistax jieħu deċiżjoni ta' tkeċċija kontra ċittadini ta' l-Unjoni jew il-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li għandhom id-dritt ta' residenza permanenti fit-territorju tiegħu, ħlief minħabba raġunijiet serji ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika.

3. Deċiżjoni ta' tkeċċija m'għandhiex tittieħed kontra ċittadini ta' l-Unjoni, ħlief meta d-deċiżjoni hi bbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika, kif imfissra mill-Istati Membri, jekk dawn:

a) għexu fl-Istat Membru ospitanti għall-għaxar snin preċedenti; jew

b) huma minorenni, ħlief jekk it-tkeċċija hi neċessarja għall-aħjar interessi tat-tifel/tifla, kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989."

9 L-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2004/38 jipprovdi:

"Persuni esklużi minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għat-tneħħija ta' l-ordni ta' tkeċċija wara perjodu raġonevoli, skond iċ-ċirkostanzi, u fi kwalunkwe każ wara tliet snin mill-infurzar ta' l-aħħar ordni ta' tkeċċija li ġiet adottata b'mod validu skond il-liġi tal-Komunità,

billi jiġu ppreżentati argumenti biex jiġi stabbilit li kien hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw id-deċiżjoni li tordna l-esklużjoni tagħhom.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jilħaq deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni sa sitt xhur mill-preżentazzjoni tagħha."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

10 L-Artikolu 6 tal-liġi dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni (Gesetz über die allgemeine Freizügigkeit von Unionsbürgern), tat-30 ta' Lulju 2004 (BGBl. I p. 1950), hekk kif emendati bil-liġi li temenda l-liġi dwar il-pulizija Federali u liġijiet oħra (Gesetz zur Änderung des Bundespolizeigesetzes und anderer Gesetze), tas-26 ta' Frar 2008, (BGBl. I, p. 215, iktar 'il quddiem il-"FreizügG/EU"), jipprovdi:

"(1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(5), meta l-attestazzjoni tad-dritt ta' residenza tad-dritt Komunitarju jew ta' residenza permanenti tiġi kkonfiskata, it-telf tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 2(1) jista' jiġi kkonstatat biss, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' siġurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika (Artikoli 39(3) u 46(1) tat-Trattat [KE]). Id-dħul fuq it-territorju jista' wkoll jiġi rrifjutat għall-motivi iċċitati iktar 'il fuq. Raġuni ta' saħħa pubblika tista' tiġi kkonstatata biss jekk il-marda tkun bdiet matul it-tliet xhur qabel id-dħul.

(2) Sempliċi kundanna kriminali ma hijiex biżżejjed waħidha sabiex tiġġustifika d-deċiżjonijiet jew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1. Huma biss il-kundanni kriminali li ma jkunux għadhom tħassru mir-reġistru ċentrali li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, u unikament sakemm iċ-ċirkustanzi li jiffurmaw il-bażi ta' dawn il-kundanni jkunu xhieda ta' aġir personali li jirrappreżenta theddida reali għall-ordni pubbliku. Għandha tkun theddida reali u serja biżżejjed li tolqot interess fundamentali tas-soċjetà.

(3) Għall-finijiet ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 1, għandu, b'mod partikolari, jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul ta' residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju Ġermaniż, l-età tagħha, l-istat ta' saħħitha, is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tagħha, l-integrazzjoni soċjali u kulturali tagħha f'dan it-territorju, kif ukoll il-qawwa tar-rabtiet tagħha mal-Istat ta' oriġini tagħha.

(4) Wara li jinkiseb id-dritt ta' residenza permanenti, konstatazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' ssir biss għal raġunijiet serji.

(5) F'dak li jikkonċerna ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li għexu fit-territorju Federali matul l-aħħar għaxar snin u fir-rigward tal-minuri, id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' ssir biss minħabba raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika. Din ir-regola ma tapplikax għal minuri meta t-telf tad-dritt ta' residenza huwa meħtieġ fl-interess tat-tfal. Jeżistu raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika biss fil-każ li l-persuna kkonċernata tkun ġiet ikkundannata minħabba reat jew reati mwettqa intenzjonalment għal piena ta' privazzjoni tal-libertà jew għal piena minħabba att kriminali minn minuri ta' mhux inqas minn ħames snin li tkun saret *res judicata* jew tkun ġiet imposta detenzjoni preventiva matul l-aħħar kundanna definittiva tagħha, fil-każ li tkun involuta s-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jew meta l-persuna kkonċernata tippreżenta theddida terroristika.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 P. Tsakouridis twieled fil-Ġermanja fl-1 ta' Marzu 1978. Fl-1996, kiseb diploma tat-tmiem tal-iskola sekondarja. Sa minn Ottubru 2001, P. Tsakouridis għandu permess ta' residenza illimitata f'dan l-Istat Membru. Minn Marzu 2004 sa nofs Ottubru tal-istess sena, kellu posta tal-kreps fil-Gzira ta' Ródos fil-Greċja. Sussegwentement, huwa rritorna l-Ġermanja fejn ħadem minn Diċembru 2004. F'nofs Ottubru 2005, P. Tsakouridis reġa' mar Ródos u reġa' beda jaħdem fuq il-posta tal-kreps. Fit-22 ta' Novembru 2005, l-Amtsgericht Stuttgart ħarġet mandat ta' arrest internazzjonali kontra P. Tsakouridis. Fid-19 ta' Novembru 2006 ġie arrestat f'Ródos u ġie ttrasferit fil-Ġermanja fid-19 ta' Marzu 2007.

12 Il-preċedenti kriminali ta' P. Tsakouridis huma s-segwenti. L-Amtsgericht Stuttgart-Bad Cannstatt ikkundannatu għall-ħlas ta' diversi multi, jiġifieri, fl-14 ta' Ottubru 1998 minħabba pussess ta' oġġett ipprojbit, fil-15 ta' Ġunju 1999 għal vjolenza u offiża gravi u, fit-8 ta' Frar 2000 minħabba vjolenza u offiża volontarji bl-użu tal-forza. Barra minn hekk, l-Amtsgericht Stuttgart ikkundannat lil P. Tsakouridis fil-5 ta' Settembru 2002 għall-ħlas ta' multa minħabba vjolenza u offiża volontarji bl-użu tal-forza. Fl-aħħar nett, P. Tsakouridis ġie kkundannat fit-28 ta' Awwissu 2007 mil-Landgericht Stuttgart għal piena ta' sitt snin u sitt xhur ħabs minħabba kummerċ illegali fi grupp organizzat ta' droga fi kwantitajiet kbar, fi tmien darbiet.

13 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Awwissu, ir-Regierungspräsidium Stuttgart, wara li semgħet lil P. Tsakouridis, ikkonstatat li kien tilef id-dritt tiegħu li jidħol u jirresjedi fuq it-territorju Ġermaniż u informatu li seta' jiġi suġġett għal miżura ta' tkeċċija lejn il-Greċja mingħajr ma stabbiliet terminu għal tluq volontarju. Bħala motivazzjoni, ir-Regierungspräsidium Stuttgart irrilevat li, bis-sentenza tal-Landgericht Stuttgart

tat-28 ta' Awwissu 2007, il-limitu ta' ħames snin ħabs kien inqabeż, b'mod li l-miżuri inkwistjoni huma ġġustifikati għal "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika", fis-sens tal-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38 u tal-Artikolu 6(5) tal-FreizügG/EU.

14 Skont ir-Regierungspräsidium Stuttgart, l-aġir personali ta' P. Tsakouridis jirrappreżenta theddida reali għall-ordni pubbliku. Ir-reati li wettaq fil-qasam tat-traffikar tad-droga huma gravi ħafna u jeżisti riskju serju ta' reċidiva. P. Tsakouridis kien immotivat jipparteċipa fil-kummerċ illegali ta' drogi għal raġunijiet finanzjarji. Huwa kien indifferenti għall-problemi kkawżati minn dan il-kummerċ għall-persuni dipendenti fuq id-droga u s-soċjetà inġenerali. Jeżisti interess fundamentali tas-soċjetà li tiġġieled b'mod effettiv il-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi, li joħolqu ħsara partikolarment mill-perspettiva soċjali, bil-mezzi kollha disponibbli.

15 Ir-Regierungspräsidium Stuttgart tosserva li P. Tsakouridis ma kellux l-intenzjoni jew ma kienx f'pożizzjoni li jirrispetta l-ordinament ġuridiku eżistenti. Wettaq reati b'intenzjoni kriminali kbira ħafna. Aġir eventwalment eżemplari fl-eżekuzzjoni tal-piena tiegħu ma jippermettix li jiġi konkluż li ma hemmx riskju ta' reċidiva. Peress li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-FreizügG/EU huma sodisfatti, id-deċiżjoni taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet. L-interess personali ta' P. Tsakouridis li ma jitlifx id-dritt tiegħu ta' dħul u ta' residenza minħabba t-tul tar-residenza regolari tiegħu fil-Ġermanja ma huwiex ikbar mill-interess pubbliku predominanti tal-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku tad-droga. Il-probabbiltà li jerġa' jwettaq tali reati hija għolja ħafna.

16 Skont ir-Regierungspräsidium Stuttgart, peress li, matul dawn l-aħħar snin, P. Tsakouridis għadda diversi xhur fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, ma jidhirx li jista' jkollu diffikultajiet ta' integrazzjoni, wara t-tkeċċija tiegħu mit-territorju Ġermaniż. Ir-riskju ta' reċidiva jiġġustifika wkoll il-preġudizzju għad-dritt tiegħu ta' aċċess liberu, bħala ċittadin tal-Unjoni, għas-suq tax-xogħol Ġermaniż. Ma jeżistux miżuri inqas restrittivi u lanqas daqstant xierqa bħall-miżuri ordnati u dawn ma jippreġudikawx mezzi ta' eżistenza ekonomika diġà stabbiliti.

17 Fid-dawl tal-gravità tar-reati kkonstatati, il-preġudizzju għall-ħajja privata u familjari ta' P. Tsakouridis huwa ġġustifikat fl-interess superjuri tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tal-prevenzjoni ta' reati oħra, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, mingħajr ma tista' ssir distinzjoni bejn l-interessi privati u familjari ekwivalenti li jirrikjedu li ma tittieħedx il-miżura ta' tkeċċija għal motivi ta' proporzjonalità.

18 Fis-17 ta' Settembru 2008, P. Tsakouridis ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tar-Regierungspräsidium Stuttgart tad-19 ta' Awwissu 2008 quddiem il-Verwaltungsgericht Stuttgart fejn invoka l-fatt li l-parti l-kbira tal-familja tiegħu tgħix fil-Ġermanja. Barra minn hekk, mis-sentenza tal-Landgericht Stuttgart tat-28 ta' Awwissu 2007 jirriżulta li huwa kien membru sekondarju tal-grupp organizzat. Peress li kiber fil-Ġermanja u li mar l-iskola hemmhekk, ma hemmx periklu fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-FreizügG/EU. Bl-istess mod, għandu relazzjoni stretta ma' missieru, li jgħix fil-Ġermanja u li jmur iżuru regolarment fil-ħabs. Huwa ppreżenta ruħu volontarjament għand il-pulizija, li juri li ma jippreżentax iktar periklu għall-ordni pubbliku wara li jkun skonta l-piena tiegħu, b'mod li l-konstatazzjoni tat-telf tad-dritt tiegħu li jidħol u li jirrisjedi fit-territorju Ġermaniż hija sproporzjonata. Fl-aħħar nett, ommu, li bħalissa qegħda

toqgħod għand it-tifla tagħha fl-Awstralja, se terġa' tmur toqgħod b'mod definittiv mal-konjuġi tagħha fil-Ġermanja fir-Rebbiegħa tas-sena 2009.

19 Permezz tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2008, il-Verwaltungsgericht Stuttgart annullat id-deċiżjoni tar-Regierungspräsidium Stuttgart tad-19 ta' Awwissu 2008. Skont l-imsemmija qorti, sempliċi kundanna kriminali waħdiha ma hijiex biżżejjed sabiex ikun ibbażat fuqha t-telf tad-dritt ta' dħul u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni, telf li jippreżupponi riskju gravi, effettiv u suffiċjenti li jhedded interess fundamentali tas-soċjetà fis-sens tal-Artikolu 6(2) tal-FreizügG/EU. Barra minn hekk, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, telf tad-dritt ta' dħul u ta' residenza skont l-Artikolu 6(1) tal-FreizügG/EU jista' jiġi kkonstatat biss, f'każ bħal dak ta' P. Tsakouridis, li għex għal iktar minn għaxar snin fit-territorju Ġermaniż, fil-preżenza ta' raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika, kif jirriżulta mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(5) tal-imsemmija liġi. F'dan ir-rigward, il-Verwaltungsgericht Stuttgart tirreleva li P. Tsakouridis ma tilifx id-dritt tiegħu ta' residenza permanenti minħabba l-perijodi li għamel joqgħod fil-Gżira ta' Ródos, peress li l-ewwel sentenza tal-imsemmi Artikolu 6(5) ma tirrikjedix residenza mingħajr interruzzjonijiet matul l-għaxar snin fuq it-territorju Ġermaniż.

20 Il-Verwaltungsgericht Stuttgart iddeċieda li ma kienx hemm "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika", fis-sens tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 6(5) tal-FreizügG/EU li jiġġustifikaw miżura ta' tkeċċija. Is-sigurtà pubblika tinkludi biss is-sigurtà interna u esterna ta' Stat Membru, u għaldaqstant, hija iktar dejqa mill-kunċett ta' ordni pubbliku li jinkludi wkoll l-ordni kriminali intern. Il-qbiż tal-piena minima stabbilita fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 6(5) tal-FreizügG/EU ma jippermettix li jiġi konkluż li jeżistu raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika għall-finijiet ta' miżura ta' tkeċċija. M. Tsakouridis jirrappreżenta, f'dan il-każ, periklu importanti għall-ordni pubbliku, iżda fl-ebda każ l-eżistenza tal-Istat u tal-istituzzjonijiet tiegħu jew is-sopravivenza tal-popolazzjoni tiegħu ma hi inkwistjoni. Tali elementi lanqas ma ġew invokati mir-Regierungspräsidium Stuttgart.

21 Il-Verwaltungsgerichtshof Baden-Württemberg mitluba tiddeċiedi kontra s-sentenza tal-Verwaltungsgericht Stuttgart, tal-24 ta' Novembru 2008, iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-kunċett ta' 'raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika', użat fl-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38 […], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa biss it-theddid assolut għas-sigurtà esterna jew interna tal-Istat Membru li jista' jiġġustifika [deċiżjoni] ta' tkeċċija u li jgħoddu bħala tali biss l-eżistenza tal-Istat u tal-istituzzjonijiet fundamentali tiegħu, il-kapaċità tagħhom li jiffunzjonaw, is-sopravivenza tal-poplu, kif ukoll ir-relazzjonijiet esterni u r-relazzjonijiet paċifiċi bejn in-nazzjonijiet?

2) Il-protezzjoni ogħla kontra t-tkeċċija miksuba, skont l-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38/KE, wara residenza ta' 10 snin fl-Istat Membru ospitanti, taħt liema kundizzjonijiet tintilef mill-ġdid? F'dan ir-rigward, għandu wieħed japplika b'analoġija l-kundizzjoni rigward it-telf tad-dritt ta' residenza permanenti prevista fl-Artikolu 16(4) [ta' din id-Direttiva]?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda u għall-kwistjoni tal-applikabbiltà b'analoġija tal-Artikolu 16(4) [tal-imsemmija direttiva]: il-protezzjoni ogħla kontra t-tkeċċija tintilef biss kif jiddekadi ż-żmien, indipendentament mir-raġunijiet tal-assenza?

4) Bl-istess mod, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda u għall-kwistjoni tal-applikabbiltà b'analoġija tal-Artikolu 16(4) tad-Direttiva [2004/38]: ritorn forzat fl-Istat ospitanti fil-kuntest ta' proċeduri penali huwa adegwat

sabiex tinżamm il-protezzjoni ogħla anki jekk, wara r-ritorn, il-libertajiet fundamentali ma jkunux jistgħu jiġu eżerċitati għal perijodu twil?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tieni sar-raba' domandi

22 Permezz tat-tieni sar-raba' domandi tagħha, li hemm lok li jiġu eżaminati l-ewwel, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment sa fejn assenza mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti matul il-perijodu msemmi fl-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38, jiġifieri matul l-għaxar snin li jippreċedu d-deċiżjoni ta' tkeċċija tal-persuna kkonċernata, timpedixxi lil dan tal-aħħar milli jibbenefika mill-protezzjoni ogħla prevista f'din id-dispożizzjoni.

23 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2004/38 hija intiża sabiex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali u individwali li wieħed jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri li huwa mogħti direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea mit-Trattat u għandha b'mod partikolari l-għan li ssaħħaħ l-imsemmi dritt, b'tali mod li l-imsemmija ċittadini ma għandhomx jiksbu inqas drittijiet milli kieku jagħtuhom l-atti legiżlattivi li ġew emendati jew imħassra minn din id-direttiva (ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et*, C-127/08, Ġabra p. I-6241, punti 59 u 82, kif ukoll tas-7 ta' Ottubru 2010, Lassal, C-162/09, Ġabra p. I-9217, punt 30).

24 Mill-premessa 23 tad-Direttiva 2004/38 jirriżulta li t-tkeċċija taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika tista' tweġġa' serjament persuni li, wara li utilizzaw id-drittijiet u l-libertajiet konferiti lilhom mit-Trattat, ġenwinament integraw rwieħhom fl-Istat Membru ospitanti.

25 Għal din ir-raġuni, kif jirriżulta mill-premessa 24 tad-Direttiva 2004/38, din timplementa sistema ta' protezzjoni kontra miżuri ta' tkeċċija li hija bbażata fuq il-grad ta' integrazzjoni tal-persuni kkonċernati fl-Istat Membru ospitanti, b'mod li iktar kemm tkun kbira l-integrazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom fl-Istat Membru ospitanti iktar trid tkun kbira l-protezzjoni tagħhom kontra t-tkeċċija.

26 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 28(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi, f'termini ġenerali, li, qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' tkeċċija mit-territorju minħabba ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, l-Istat Membru ospitanti għandu jqis il-kunsiderazzjonijiet bħat-tul tar-residenza tal-individwu kkonċernat fit-territorju tiegħu, l-età, l-istat ta' saħħa, is-sitwazzjoni familjari u dik ekonomika, l-integrazzjoni soċjali u kulturali fl-Istat Membru ospitanti u l-intensità tar-rabtiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.

27 Skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu, ċittadin tal-Unjoni jew il-membri tal-familja tiegħu, tkun liema tkun in-nazzjonalità tagħhom, li jkunu kisbu dritt ta' residenza permanenti fuq it-territorju tal-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 16 tal-istess direttiva, ma jistgħux ikunu suġġetti ta' deċiżjoni ta' tkeċċija mit-territorju "ħlief minħabba raġunijiet gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika".

28 Fir-rigward ta' ċittadini tal-Unjoni li qagħdu fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin preċedenti, l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38 isaħħaħ b'mod kunsiderevoli l-protezzjoni kontra l-miżuri ta' tkeċċija billi jistabbilixxi li tali miżura ma tistax tittieħed, sakemm id-deċiżjoni ma tkunx ibbażata fuq "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika kif imfissra mill-Istati Membri".

29 Issa, l-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38, filwaqt li jissottometti l-benefiċċju tal-protezzjoni ogħla għall-preżenza tal-persuna kkonċernata fuq it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat matul perijodu ta' għaxar snin qabel il-miżura ta' tkeċċija, huwa sieket dwar iċ-ċirkustanzi li jistgħu jwasslu għall-interruzzjoni tal-perijodu ta' residenza ta' għaxar snin għall-finijiet tal-ksib tad-dritt għall-protezzjoni ogħla kontra t-tkeċċija previst f'din id-dispożizzjoni.

30 Billi titlaq mill-premessa li tgħid li, bħad-dritt ta' residenza permanenti, il-protezzjoni ogħla tinkiseb wara residenza ta' ċertu tul fl-Istat Membru ospitanti u li din tista', sussegwentement, tintilef, il-qorti tar-rinviju tqis possibbli li tapplika b'analoġija l-kriterji previsti fl-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2004/38.

31 Għalkemm huwa minnu li l-premessi 23 u 24 tad-Direttiva 2004/38 jistabbilixxu protezzjoni partikolari għall-persuni li integraw ruħhom sew fl-Istat Membru ospitanti, b'mod partikolari meta jkunu twieldu u għexu hemm ħajjithom kollha, xorta jibqa' l-fatt li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, il-kriterju determinanti jirrisjedi fil-kwistjoni li jsir magħruf jekk iċ-ċittadin tal-Unjoni kienx għex f'dan l-Istat Membru matul l-għaxar snin qabel id-deċiżjoni ta' tkeċċija.

32 Fir-rigward tal-kwistjoni li jsir magħruf sa fejn assenzi mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti matul il-perijodu msemmi fl-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38, jiġifieri matul l-għaxar snin qabel id-deċiżjoni ta' tkeċċija tal-persuna kkonċernata, li ċċaħħad lil dan tal-aħħar li jibbenefika mill-protezzjoni ogħla, hemm lok li ssir evalwazzjoni globali tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata kull darba fil-mument preċiż meta tqum il-kwistjoni tat-tkeċċija.

33 L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38 għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni t-totalità tal-aspetti rilevanti f'kull każ inkwistjoni, b'mod partikolari t-tul ta' kull assenza tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru ospitanti, it-tul akkumulat u l-frekwenza ta' dawn l-assenzi kif ukoll ir-raġunijiet li mmotivaw lill-persuna kkonċernata meta telqet minn dan l-Istat Membru. Fil-fatt, huwa importanti li jiġi vverifikat jekk l-assenzi inkwistjoni jimplikawx l-ispostament lejn Stat ieħor li huwa ċentru tal-interessi personali jew professjonali tal-persuna kkonċernata.

34 Il-fatt li l-persuna kkonċernata rritornat obbligatorjament fl-Istat Membru ospitanti sabiex tiskonta piena ta' ħabs u ż-żmien li għadda f'detenzjoni, flimkien mal-elementi elenkati fil-punt preċedenti, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni globali meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rabtiet ta' integrazzjoni li jkunu nħolqu preċedentement mal-Istat Membru ospitanti ġewx interrotti.

35 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali. Jekk tasal għall-konklużjoni li l-assenzi ta' P. Tsakouridis mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti ma humiex ta' natura li jċaħħduh milli jibbenefika mill-protezzjoni ogħla, hija għandha sussegwentement teżamina jekk id-deċiżjoni ta' tkeċċija hijiex ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika fis-sens tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38.

36 Għandu jitfakkar li, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti nazzjonali li tippermettilha li tiddeċiedi l-kawża li għandha quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt Komunitarju li ma sarx riferiment għalihom fid-domandi preliminari tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Gintec, C-374/05, Ġabra p. I-9517, punt 48).

37 Fl-ipoteżi fejn jiġi konkluż li persuna li tinsab fis-sitwazzjoni ta' P. Tsakouridis, li kiseb dritt ta' residenza permanenti fl-Istat Membru ospitanti, ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' residenza stabbilita fl-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, miżura ta' tkeċċija tista', jekk ikun il-każ, tiġi ġġustifikata fil-preżenza ta' "raġunijiet gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika", kif jipprovdi l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni sar-raba' domandi għandha tkun li l-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk ċittadin tal-Unjoni kienx għex fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin li jippreċedu d-deċiżjoni ta' tkeċċija, kriterju determinanti għall-għoti tal-protezzjoni ogħla li tipprovdilu din id-dispożizzjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni t-totalità tal-aspetti rilevanti f'kull każ inkwistjoni, b'mod partikolari t-tul ta' kull waħda mill-assenzi tal-persuna kkonċernata mill-Istat ospitanti, it-tul akkumulat u l-frekwenza ta' dawn l-assenzi kif ukoll ir-raġunijiet li mmotivaw lill-persuna kkonċernata meta telqet minn dan l-Istat Membru u li jistgħu jistabbilixxu jekk dawn l-assenzi jimplikawx jew le l-ispostament lejn Stat ieħor li huwa ċ-ċentru tal-interessi personali, familjari jew professjonali.

Fuq l-ewwel domanda

39 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni sar-raba'domandi, hemm lok li l-ewwel domanda tinftiehem fis-sens li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk u sa fejn il-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat tistax taqa' taħt il-kunċett ta'"raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika", għall-każ fejn din il-qorti tikkonkludi li ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, jew tal-kunċett ta'"raġunijiet gravi ta' ordni pubbbliku jew ta' sigurtà pubblika", għall-każ fejn tikkonkludi li l-imsemmi ċittadin jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 28(2) ta' din id-direttiva.

40 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/38 kif ukoll mill-ispirtu ta' din id-dispożizzjoni, hekk kif imfakkra fil-punti 24 sa 28 ta' din is-sentenza, jirriżulta li, billi ssottometta kull miżura ta' tkeċċija fl-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 28(3) ta' din id-direttiva għall-preżenza ta' "raġunijiet imperattivi" ta' sigurtà pubblika, kunċett li huwa konsiderevolment iktar strett minn dak ta' "raġunijiet gravi" fis-sens tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-leġiżlatur tal-Unjoni manifestament kellu l-intenzjoni li jillimita l-miżuri bbażati fuq l-imsemmi paragrafu 3 għal "ċirkustanzi eċċezzjonali", kif huwa stabbilit fil-premessa 24 tal-imsemmija direttiva.

41 Fil-fatt, il-kunċett ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika" jippreżupponi mhux biss l-eżistenza ta' preġudizzju għas-sigurtà pubblika, iżda, barra minn hekk, li tali preġudizzju għandu grad ta' gravità partikolarment għoli, rifless fl-użu tal-espressjoni "raġunijiet imperattivi".

42 Huwa wkoll f'dan il-kuntest li għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "sigurtà pubblika" li jinsab fl-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38.

43 Fil-qasam ta' sigurtà pubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din tkopri kemm is-sigurtà interna ta' Stat Membru kif ukoll is-sigurtà esterna tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar, C-273/97, Ġabra p. I-7403, punt 17; tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil, C-285/98, Ġabra p. I-69, punt 17, tat-13 ta' Lulju 2000, Albore, C-423/98, Ġabra p. I-5965, punt 18, u tal-11 ta' Marzu 2003, Dory, C-186/01, Ġabra p. I-2479, punt 32).

44 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-preġudizzju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi pubbliċi essenzjali kif ukoll is-sopravivenza tal-popolazzjoni, l-istess bħar-riskju ta' perturbazzjoni gravi tar-relazzjonijiet esterni jew tal-koeżistenza paċifika tal-popli, jew inkella l-preġudizzju tal-interessi militari, jistgħu jaffettwaw is-sigurtà pubblika (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju1984, Campus Oil *et*, 72/83, punti 34 u 35; tas-17 ta' Ottubru 1995, Werner, C-70/94, Ġabra p. I-3189, punt 27; Albore, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-398/98, Ġabra p. I-7915, punt 29).

45 Għaldaqstant minn dan jirriżulta li l-għanijiet bħall-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat huma neċessarjament esklużi mill-imsemmi kunċett.

46 It-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat jikkostitwixxi kriminalità mferrxa, mogħnija b'mezzi ekonomiċi u operattivi impressjonanti u li spiss għandha konnessjonijiet transnazzjonali. Fir-rigward tal-effetti devastanti tal-kriminalità marbuta ma' dan it-traffiku, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI, tal-25 ta' Ottubru 2004, li

tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 153M, p. 94), tipprovdi, fil-premessa 1 tagħha, li t-traffiku illeċitu ta' drogi joħloq theddida għas-saħħa, għas-sigurtà u għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll għall-ekonomija legali, għall-istabbiltà u għas-sigurtà tal-Istati Membri.

47 Fil-fatt, peress li t-tossikomanija tikkostitwixxi pjaga għall-individwu u periklu ekonomiku u soċjali għall-umanità (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1982, Wolf, 221/81, Ġabra p. 3681, punt 9, kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijet tal-Bniedem, kawża Aoulmi vs Franza, tas-17 ta' Jannar 2006, paragrafu 86), it-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat jista' jippreżenta livell ta' intensità ta' natura li thedded direttament it-trankwillità u s-sigurtà fiżika tal-popolazzjoni kollha jew parti kbira minnha.

48 Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38 jenfasizza li l-aġir tal-persuna kkonċernata għandu jirrappreżenta theddida reali u attwali għall-interess fundamentali tas-soċjetà jew tal-Istat Membru kkonċernat, li s-sempliċi eżistenza ta' kundanni kriminali preċedenti ma tistax timmotiva miżuri ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika u li ġustifikazzjonijiet mhux direttament marbuta mal-każ individwali kkonċernat jew li huma dwar raġunijiet ta' prevenzjoni ġenerali ma jistgħux jintlaqgħu.

49 Konsegwentement, miżura ta' tkeċċija għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Metock *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 74) u tista' tiġi ġġustifikata għal raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika fis-sens tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38 biss jekk, fid-dawl tal-gravità eċċezzjonali tat-theddida, tali miżura hija neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi li hija tfittex li tiggarantixxi, fuq il-kundizzjoni li dan l-għan jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas

stretti, fid-dawl tat-tul ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti taċ-ċittadin tal-Unjoni u b'mod partikolari tal-konsegwenzi negattivi gravi li tali miżura tista' ġġib għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu verament integraw fl-Istat Membru ospitanti.

50 Fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38, għandhom jitqiesu b'mod partikolari, minn naħa, in-natura eċċezzjonali tat-theddida għas-sigurtà pubblika minħabba l-aġir personali tal-persuna kkonċernata, evalwata, skont il-każ, fiż-żmien meta tingħata d-deċiżjoni ta' tkeċċija (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri, C-482/01 u C-493/01, Ġabra p. I-5257, punti 77 sa 79), skont it-tul tal-pieni inkorsi u ta' dawk skontati, skont il-grad ta' involviment fl-attività kriminali, skont il-portata tad-dannu u, jekk ikun il-każ, skont it-tendenza ta' reċidiva (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau, 30/77, Ġabra p. 1999, punt 29), flimkien, min-naħa l-oħra, mar-riskju li tiġi kompromessa r-reintegrazzjoni taċ-ċittadin tal-Unjoni fejn huwa integrat sew, li huwa fl-interess mhux biss ta' dan tal-aħħar, iżda wkoll tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali, kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 95 tal-konklużjonijiet tiegħu.

51 Il-piena mogħtija għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala element ta' dawn il-fatturi kollha. Kundanna għal piena ta' ħames snin ma tistax twassal għal deċiżjoni ta' tkeċċija, kif previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi deskritti fil-punt preċedenti, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika.

52 Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li jiġu rrispettati, inkwantu l-motivi ta' interess ġenerali jistgħu jiġu invokati sabiex tiġi ġġustifikata miżura nazzjonali li hija ta' natura li tostakola l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-persuni biss meta l-miżura inkwistjoni tieħu inkunsiderazzjoni dawn id-drittijiet (ara,

b'mod partikolari, is-sentenza Orfanopoulos u Oliveri, iċċitata iktar 'il fuq, punti 97 sa 99), u b'mod partikolari d-dritt għall-osservanza tal-ħajja privata u familjari kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB, C-400/10 PPU, Ġabra p. I-8965, punt 53, u tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Maslov vs Autriche [GC], tat-23 ta' Ġunju 2008, *Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet* 2008, paragrafu 61 *et seq*).

53 Sabiex jiġi evalwat jekk l-intrużjoni prevista hijiex proporzjonata mal-għan leġittimu intiż, f'dan il-każ il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari n-natura u l-gravità tal-ksur imwettaq, it-tul tar-residenza tal-persuna kkonċernata fl-Istat Membru ospitanti, il-perijodu li għadda minn meta sar il-ksur u l-kondotta tal-persuna kkonċernata matul dan il-perijodu kif ukoll is-soliditá tar-rabtiet soċjali, kulturali u familjari mal-Istat ospitanti. Fir-rigward ta' ċittadin tal-Unjoni li għadda b'mod legali, il-parti l-kbira, jekk mhux l-integralità, tal-infanzja u l-adoloxxenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, għandhom jittressqu raġunijiet sodi sabiex tiġi ġġustifikata l-miżura ta' tkeċċija (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Maslov vs L-Awstrija, iċċitata iktar 'il fuq, paragrafu 71 sa 75).

54 Fi kwalunkwe każ, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista', sabiex jippreserva l-ordni pubbliku, jikkunsidra li l-użu ta' drogi jikkostitwixxi periklu għas-soċjetà ta' natura li jiġġustifika miżuri dwar id-drogi (ara s-sentenzi tad-19 ta' Jannar 1999, Calfa, C-348/96, Ġabra p. I-11, punt 22, kif ukoll Orfanopoulos u Oliveri, iċċitat iktar 'il fuq, punt 67), għandu jiġi konkluż li t-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat jaqa', iktar u iktar, taħt il-kunċett ta' "ordni pubbliku", hekk kif previst fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38.

55 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha msemmija iktar 'il fuq, jekk l-aġir ta' P. Tsakouridis jaqax taħt "raġunijiet gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika", fis-sens tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38, jew ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika", fis-sens tal-Artikolu 28(3) tagħha, u jekk il-miżura ta' tkeċċija inkwistjoni tirrispettax il-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li, f'każ fejn il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika" li tista' tiġġustifika miżura ta' tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun irrisjeda fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin preċedenti. F'każ fejn il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat taqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika".

Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 28(3)(a) tad-Direttiva 2004/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk ċittadin tal-Unjoni kienx għex fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin li jippreċedu d-deċiżjoni ta' tkeċċija, kriterju determinanti għall-għoti tal-protezzjoni ogħla li tipprovdilu din id-dispożizzjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni t-totalità tal-aspetti rilevanti f'kull każ inkwistjoni, b'mod partikolari t-tul ta' kull waħda mill-assenzi tal-persuna kkonċernata mill-Istat ospitanti, it-tul akkumulat u l-frekwenza ta' dawn l-assenzi kif ukoll ir-raġunijiet li mmotivaw lill-persuna kkonċernata meta telqet minn dan l-Istat Membru u li jistgħu jistabbilixxu jekk dawn l-assenzi jimplikawx jew le l-ispostament lejn Stat ieħor li huwa ċ-ċentru tal-interessi personali, familjari jew professjonali**

2) **F'każ fejn il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 2004/38, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika" li tista' tiġġustifika miżura ta' tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun irrisjeda fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin preċedenti. F'każ fejn il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jibbenefika mill-protezzjoni**

tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/38, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku ta' drogi fi grupp organizzat taqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet gravi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika".

Firem